12 ta' Novembru, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Annunziato Cilia *versus* Onor. Edgar Cuschieri, ne.

**Atti "Jure Imperii" — Gvern — Appalt — Forza Maġġuri — Interessi — Danni — Dipartiment tal-Gvern — Art. 1173 u 1184 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-Gvern mhux responsabili għal kwalunkwe dannu li ċ-ċittadin jista' isofri mħabba ordinament magħmul mill-awtorità "jure imperii"; u għalhekk ma jistax kuntrattur, f'kuntratt li għandu mal-Gvern "jure administrationis" jitlob kumpens ta' xi danni preteżi kaġunati lilu minn att li l-Gvern jagħmel "jure imperii".*

*Kull dipartiment tal-Gvern huwa rappreżentat mill-Kap tiegħu, u hija irritwali kull azzjoni li ssir kontra Kap ta' dipartiment fuq materja li tinteressa dipartiment ieħor.*

*L-imgħaxijiet jibdew jgħaddu minn meta kellha tiġi eżegwita l-obligazzjoni, jekk dina tkun obligazzjoni kummerċjali, jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu "ipso jure"; f'kull każ ieħor jibdew jgħaddu minn dak in-nhar li fih issir is-sejħa għall-ħlas permezz ta' att ġudizzjarju, avvolja fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni ta' l-obligazzjoni.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremetta illi l-Gvern Ċivili ikkonċeda lilu l-appalt tar-rikostruzzjoni tal-Workmen's Buildings ta' Każal Pawla u l-appalt tal-kostruzzjoni ta' l-Iskola tal-Gvern tal-Marsa, li kellhom jiġu konsenjati fiż-żmien ta' disa' u tmien xhur rispettivament, bil-kondizzjoni illi l-bilanċ tal-prezz ta' l-ewwel xogħol jitħallas malli x-xogħol konsenjat ikun approvat, u dak tat-tieni appalt fi żmien xahrejn mill-konsenja u approvazzjoni tiegħu; u li hu, minħabba nuqqas ta' ġebel li huma kontrollati mill-Gvern, ma lestiex ix-xogħol fiż-żmien stabbilit, u l-Gvern waħħlu penali ta' £100 relattivament għall-ewwel appalt; u

li l-bilanċ tal-prezz ta' l-ewwel appalt, ċjoè £5428. 0. 0 ma ġiex imħallas ma' l-approvazzjoni tax-xogħol, u dak tat-tieni kuntratt, ċjoè £3783. 0. 0 ma ġiex imħallas fix-xahrejn konsekutivi għall-approvazzjoni tax-xogħol tat-tieni appalt bħal ma huwa konvenut; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-Gvern, stante l-kontroll defiċjenti tal-ġebel tal-bini li ma kienx disponibbli fil-pjazza, huwa kaġun tar-ritard tiegħu fil-konsenja tax-xogħol ta' l-ewwel appalt fit-terminu konvenut; u li l-konvenut nomine jiġi kundannat jirrifondi u jħallas lilu l-ammont ta' £100 li l-konvenut nomine iddeduċa mill-bilanċ talprezz dovut lilu, taħt titolu ta' penali; bl-interessi legali relativi mid-data li dan l-ammont ġie miżmum; u li l-konvenut nomine jiġi kundannat iħallas lilu l-ammont li jirriżulta lilu dovut għall-interessi legali fuq il-bilanċ fuq imsemmi tal-prezz taż-żewġ appalti mid-data li dawk il-bilanċi tal-prezz kellhom jitħallsu sad-data ta' l-aħħar pagament għas-saldu tagħhom. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tas-7 ta' Mejju 1947;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu fit-30 ta' Ġunju 1948, fejn irrespinġiet ittalbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu; wara li ppremettiet il-fatti li taw lok għall-kawża u kkunsidrat;

Fuq l-ewwel talba, illi x-xogħol tar-rikostruzzjoni tal-"Workmen's Dwellings" kellu jitlesta f'perijodu ta' disgħa xhur mid-29 ta' Mejju 1945............. L-attur jammetti fiddikjarazzjoni tiegħu li x-xogħol tlesta u ġie konsenjat fid-29 ta' Ġunju 1946, jiġifieri wisq wara l-ġurnata li fiha kellu jkun lest ix-xogħol.............. u għalhekk l-attur kien passibbli ta' penali ta' £890. Il-Gvern iżda rriduċa dik il-penali għal £100;

Illi l-attur jippretendi li lanqas dina l-penali ma jmissha ġiet inflitta, għar-raġuni li ma kienetx ħtija tiegħu jekk hu ma lestiex ix-xogħol fiż-żmien stipulat, għaliex dana kien dovut għal fatt li ma setax jottjeni ġebel billi l-ġebel kien kontrollat, u minħabba dak il-kontroll il-ġebel kien defiċjenti; u dana, għall-finijiet ta' l-eżekuzzjoni ta' l-appalt, kien jikkostitwixxi forza maġġuri;

Lili mill-provi rriżulta li mhux veru li l-attur ma setax ikollu ġebel biżżejjed ħalli jkun jista' jeżegwixxi fiż-żmien stipulat l-appalt fuq imsemmi. Jirriżulta difatti mix-xhieda ta' Edgar Tabone..................; u li kieku l-attur ried, b'dak li għamel favur tiegħu l-imsemmi uffiċċju, kien ikollu ġebel biżżejjed; u difatti l-uffiċċju fuq imsemmi ddistribwixxa l-permessi għal ġebel li ġew mogħtijin lill-attur fuq 52 barrieri. ..................u dan għaliex l-uffiċċju fuq imsemmi kien ġie mitlub mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex igħin lill-attur ħalli jakkwista l-ġebel għall-appalt in kwistjoni. Mill-istess xhieda jirriżulta li l-attur ma segwiex l-istruzzjonijiet li ġew lilu mogħtija mill-uffiċċju tal-Controller of Building Materials, istruzzjonijiet li ġew lilu mogħtija appuntu sabiex żgur ġebel ma jonqsux.............. Fl-aħħarnett jirriżulta mid-depożizzjoni tad-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi illi l-impressjoni li dak l-uffiċjal ifforma kienet dik li l-attur ma kellux ġebel biżżejjed għaliex kien qiegħed jipprova jakkwistah bi prezz aktar baxx minn dak fissat mill-Gvern;

Illi għalhekk ma tistax tiġi sostnuta l-pretensjoni ta' l-attur li hu ma lestiex l-appalt fiż-żmien stipulat għal forza maġġuri derivanti min-nuqqas ta' ġebel minħabba li dan kien kontrollat mill-Gvern;

Illi fuq it-tieni talba għall-interessi fuq il-bilanċ tal-prezz taż-żewġ appalti fuq indikati, illi apparti l-fatt li l-attur irċieva ammonti kbar ta' flus akkont tal-prezz taż-żewġ appalti qabel ma kien lest ix-xogħol. u kwindi qabel ma kellu d-dritt għall-ħlas ta' dawk l-ammonti, skond l-art. 1173 tal-Kodiċi Ċivili, jekk l-obligazzjoni tkun li wieħed għandu jagħti u fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien, kif fil-każ preżenti, id-debitur jiġi mqiegħed in mora b'għeluq biss ta' dak iż-żmien; illi għal dawk li huma imgħaxijiet imsemmijin fl-art. 1184 għandhom jgħoddu d-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu, u dak l-artikolu jiddisponi illi l-imgħaxijiet jibdew jgħoddu minn dak in-nhar li l-obligazzjoni kellha tiġi eżegwita jekk l-obligazzjoni tkun kummerċjali, jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu "ipso jure", u f'kull każ ieħor l-imgħaxijiet għaddu minn dak in-nhar li ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudiz-

zjarju, u dan għaikemm fil-fehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni ta' l-obligazzjoni ;

Illi għalhekk dina t-tieni talba ta' l-attur lanqas ma tista' tiġi milqugħa. għaliex, għalkemm ġie stabbilit iż-żmien meta l-Gvern kellu jħallas lill-attur il-prezz taż-żewġ appalti fuq indikati, l-obligazzjoni tal-Gvern li jħallas dawk is-somom ta' flus mhijiex kummerċjali, u l-ebda liġi ma tiddisponi li l-imgħaxijiet fuq il-prezzijiet ta' dawk l-appalti għandhom jibdew jgħaddu "ipso jure", u ma jirriżultax li kien hemm xi sejħa b'att ġudizzjarju għall-ħlas ta' l-imgħaxija fuq il-bilanċi fuq indikati ;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fit-30 ta' Ġunju 1948 tiġi revokata, u t-talbiet ta' l-attur jiġu milqugħa, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi ;

*Omissis ;*

Tikkunsidra ;

Illi fuq l-ewwel talba, kif tajjeb issottometta l-appellat, il-kawżali tagħha qiegħda kollha fil-fatt pretiż mill-appellant illi minħabba l-kontroll defiċjenti tal-ġebel tal-bini, li ma kienx disponibili fil-pjazza, il-Gvern ikkaġuna r-ritard lamentat fl-eżekuzzjoni tax-xogħol ta' l-ewwel appalt. Issa huwa magħruf illi dak l-ordni sar minn għand il-Gvern "jure imperii", u ma jistax kuntrattur, f'kuntratt li għandu mal-Gvern "jure administrationis", jġib talba simili biex jikkompensa danni pretiżi, peress illi huwa prinċipju stabbilt fil-ġurisprudenza illi l-Gvern mhux responsabili għal kwalunkwe dannu li ċ-ċittadin jista' jsofri minħabba ordinament magħmul mill-Awtorità "jure imperii" ;

Tikkunsidra ;

Illi għalhekk it-talba ma tistax "sic et simpliciter" tiġi spostata fuq dik il-"forza maggiore" ; għaliex dik hija kawżali totalment diversa. Lanqas jista' jingħad illi huwa mhux qiegħed jikkritika l-aġir tal-Gvern in kwantu għamel l-ordnijiet "jure imperii" tal-kontroll tal-ġebel, iżda qiegħed jikkritika l-kontroll, li huwa qal li kien defiċjenti, tal-ġebel ; għa-

biex anki jekk jista' jkollu azzjoni ġudizzjarja f'dak il-kamp, iżda l-azzjoni għandha tiġi diretta kontra ram iehor amministrativ tal-Gvern, rappreżentat mill-Kap tiegħu, kif ġie deċiż diversi drabi, skond il-liġi, anki minn din il-Qorti, illi kull Dipartiment jiġi rappreżentat mill-Kap tiegħu, mentri huwa irritwali f'azzjoni bħal din, illi l-attur iħallat u jikkonfondi r-relazzjoni li għandu ma' dipartiment ma' pretensjoni li għandu kontra dipartiment iehor;

Tikkunsidra;

Illi dan jingħad għar-ritwalità ta' l-azzjoni, biex il-prinċipji li ġew dejjem applikati minn dawn il-Qrati, u stabbiliti fil-proċedura ċivili, ikunu osservati;

Imbagħad, anki jekk għal grazzja ta' argument jiġi investit il-meritu, din il-Qorti taqbel pienament ma' dak li rriteniet l-Ewwel Qorti; għaliex huwa evidenti illi, kif jirriżulta mill-proċess, l-appellant, kieku ried u għamel id-diliġenza tal-"bonus pater familias", kien spiċċa wisq qabel, u mhux kellu dak ir-ritard li kellu. Ċertament kieku l-penali ma ġietx ridotta mill-Gvern mis-somma ta' £890 għal £100, kienet tidħol il-kwistjoni illi forsi l-appellant seta' kellu raġun għal ċertu ritard; iżda qatt ma kellu raġun għal dak ir-ritard kollu lamentat, wara illi l-Controller of Buildings Materials, fuq talba tad-Direttur tax-Xogħlijiet Publiċi, kien għamel milli seta' biex igħin lill-appellant; u għalkemm insistew miegħu biex kull xahar jibgħatilhom ir-"returns" tal-ġebel li jkun ħa mid-diversi barrieri, huwa ma ħax lanqas kura li jagħmel dan;

Tikkunsidra;

Illi fuq it-tieni talba, il-liġi hija ċara u l-applikazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti tagħha hija eżatta;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti safejn kompatibili;

Tirrespinġi l-appell ta' l-attur u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell, mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu fit-30 ta' Ġunju 1948; bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.